FONDI.eu

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
AĠENZIJA GĦALL-PAGAMENTI AGRIKOLI U RURALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET
ID-DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI

# KUNDIZZJONALITÀ 2023-2027
# Verżjoni 2.0

*Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)*

*Ministeru għall-Agrikoltura, Is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*

**Maħruġ minn:** Unita' A3.1 – Kontrolli

**Validita':** Snin Kalendari 2023 - 2027

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

# Werrej

**Bażi Legali** 3
**Introduzzjoni** 5
**Kundizzjonalità – Ir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni u Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin** 7
Dettalji dwar l-obbligi taż-żamma tal-Art f'Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (KAAT) 7
Dettalji dwar ir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) 9

# Bażi Legali

- Ir-Regolament (UE) 2021/2115 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013;

- Ir-Regolament (UE) 2021/2116 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT);

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, kontrolli, garanziji u trasparenza;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar is-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni;

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonata;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1317 tas-27 ta' Lulju 2022 li jipprevedi derogi mir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (standards tal-KAAT) 7 u 8 għas-sena tat-talba 2023;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475 tas-6 ta' Settembru 2022 li

jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

- Pjan Strateġiku tal-PAK għal Malta.

# Introduzzjoni

Fil-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PS-PAK) ta' Malta 2023 – 2027 niltaqgħu mat-terminu magħruf bħala 'Kundizzjonalità' li hija s-sistema ta' obbligi minimi stabbiliti madwar l-Unjoni Ewropea (UE) li għandhom jiġu osservati mill-bdiewa u r-raħħala matul il-ħidma tagħhom.

Mis-sena 2024, wara żviluppi li saru fil-livell Ewropew, u bħala risposta parzjali għat-talbiet tal-bdiewa Ewropej matul in-numru ta' protesti li ġew organizzati madwar l-Ewropa, il-leġislazzjoni applikabbli ġiet mibdula biex il-**Kundizzjonalità u l-obbligi tagħha** saru **applikabbli biss** għall-benefiċjarji **li għandhom azjendi ta' 10 ettari jew aktar (ekwivalenti għal aktar minn 89-il tomna).** L-**azjenda tinkludi r-razzett u l-għelieqi kollha tal-benefiċjarju** rreġistrati mal-Aġenzija għall-Pagamenti Rurali u Agrikoli (ARPA); anke dawk li mhumiex **marbutin mas-sussidju, u huma kollha suġġetti għall-kontrolli u penalitajiet tal-Kundizzjonalità.**

Il-Kundizzjonalità tista' tiġi spjegata faċilment miż-żewġ aspetti tekniċi tagħha. Dawn huma:

1. **Ir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ)**
2. **Il-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (KAAT)**

Il-ksur ta' dawn l-obbligi fuq l-azjenda jista' jwassal għal tnaqqis fil-pagamenti.

Kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-obbligi applikabbli identifikata matul il-kontrolli fuq il-post (anki għal dawk il-benefiċjarji li għalihom il-Kundizzjonalità mhijiex applikabbli), ser tiġi rrappurtata lill-awtoritajiet kompetenti.

L-ebda penali fil-pagament ma tapplika għall-benefiċjarji b'azjenda ta' anqas minn 10 ettari (sa 89-il tomna).

## IL-KSUR TAL-OBBLIGI U PENALI AMMINISTRATTIVI

- It-tnaqqis jiġi kkalkulat abbażi tal-pagamenti li jkunu ngħataw jew li jkunu ser jingħataw fis-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità.
- It-tnaqqis tal-pagament jitqies fuq il-gravità, l-estent, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab.
- F'każ li jkun hemm ksur ta' obbligu tal-Kundizzjonalità **għall-ewwel darba**, it-tnaqqis ikun ta' **1% jew 3% jew 5%** tal-ammont totali tal-pagament skont il-gravità, l-estent u l-permanenza tal-ksur tal-obbligu. Il-penali mġarrba għal dik is-sena **ma taqbiżx l-10 %** tal-pagament totali dovut u jkun rakkomandat li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-AgriConnect.
- Jista' jagħti l-każ li n-nuqqas ta' konformità jkollu konsegwenzi **insinifikanti** għall-kisba tal-għan tal-istandard jew ir-rekwiżit ikkonċernat. F'każijiet bħal dawn **biss** ma tiġi applikata **ebda penali amministrattiva**, imma jkun rakkomandat li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-AgriConnect.

<table>
<tr><td colspan="7">F'każ li jiġi misjub ksur ta' obbligu jew nuqqas ta' konformità għall-ewwel darba, il-penali minima tkun ta':</td></tr>
<tr><td>0%<br>(F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità insinifikanti biss)</td><td>jew</td><td>1%</td><td>jew</td><td>3%</td><td>jew</td><td>5%</td></tr>
<tr><td colspan="4">U l-penali massima ma taqbiżx:</td><td colspan="3">10%</td></tr>
<tr><td colspan="7">Huwa rakkomandat li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-AgriConnect.</td></tr>
</table>

- Fejn l-**istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ** darba fi żmien tliet (3) snin kalendarji konsekuttivi, il-perċentaġġ ta' tnaqqis ikun ta' **10%** tal-ammont totali tal-pagamenti, u l-penali mġarrba għal dik is-sena ma taqbiżx **l-20%** tal-pagament totali dovut. Huwa **mandatorju** li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-**AgriConnect**.

<table>
<tr><td colspan="2">F'każ fejn l-istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ darba fi żmien tliet (3) snin kalendarji konsekuttivi,</td></tr>
<tr><td>il-penali minima tkun ta':</td><td>10%</td></tr>
<tr><td>U l-penali massima ma taqbiżx l-:</td><td>20%</td></tr>
<tr><td colspan="2">Huwa mandatorju li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-AgriConnect.</td></tr>
</table>

- Okkorrenzi oħra tal-istess nuqqas ta' konformità mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju jitqiesu bħala każijiet ta' nuqqas ta' **konformità intenzjonali**. F'każ ta' nuqqas ta' **konformità intenzjonali**, il-perċentaġġ ta' tnaqqis jkun ta' **15%** tal-ammont totali tal-pagamenti u l-penali mġarrba għal dik is-sena **ma taqbiżx il-100%**. Huwa **mandatorju** li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-**AgriConnect.**

<table>
<tr><td colspan="2">F'każ ta' okkorrenzi oħra tal-istess nuqqas ta' konformità (nuqqas ta' konformità intenzjonali),</td></tr>
<tr><td>il-penali minima tkun ta':</td><td>15%</td></tr>
<tr><td>U l-penali massima ma taqbiżx l-:</td><td>100%</td></tr>
<tr><td colspan="2">Huwa mandatorju li l-bidwi u/jew ir-raħħal jikseb parir tekniku mingħand l-AgriConnect.</td></tr>
</table>

# Kundizzjonalità – Ir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni u Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin

## Dettalji dwar l-obbligi taż-żamma tal-Art f'Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (KAAT)

| | |
|---|---|
| ***KAAT 1*** | Ma tapplikax għall-Malta. |
| ***KAAT 2*** | Protezzjoni tal-art mistagħdra u tat-torbiera. |
| ***KAAT 3*** | Projbizzjoni tal-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet ta' saħħa tal-pjanti. |
| ***KAAT 4*** | Stabbiliment ta' strixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma. |
| ***KAAT 5*** | Ġestjoni tal-ħdim tar-raba', li jnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni u l-erożjoni tal-ħamrija, inkluż il-konsiderazzjoni tal-pendil. |
| ***KAAT 6*** | Kopertura minima ta' ħamrija biex tiġi evitata ħamrija għerja f'perijodi li huma l-aktar sensittivi. |
| ***KAAT 7*** | Newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem, ħlief għal għelejjel li jikbru taħt l-ilma.<br>*(Applikabbli biss għal benefiċjarji b'10 ettari jew aktar, ekwivalenti għal 89-il tomna jew aktar, ta' **raba' li jinħadem**).* |
| ***KAAT 8*** | Is-sehem minimu miż-żona agrikola ddedikata għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi. |
| ***KAAT 9*** | Ma tapplikax għall-Malta. |

L-għanijiet tal-KAAT huma intiżi sabiex il-bdiewa jużaw sistemi agrikoli tajbin li ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent, u għaldaqstant għandhom isewgu l-obbligi li ġejjin:

- ☑ Fuq art b'pendenza ta' iktar minn 10%, il-ħrit għandu dejjem isir kontra il-pendenza tal-art.
- ☑ Il-livell ta' materja organika fil-ħamrija jrid jinżamm adekwat bi prattiċi approprjati permezz ta' użu ta' fertilizzanti organiċi u newba tal-għelejjel.
- ☑ Fertilizzanti minerali u sintetiċi għandhom jinħażnu f'**faċilitajiet ta' ħażna xierqa** bħal *locker* Ii jissakkar, **u jkollhom it-tikketta oriġinali tagħhom**.
- ☑ Fertilizzanti likwidi għandom jinħażnu '**il bogħod mir-riżorsi tal-ilma**, **f'tankijiet reżistenti** għall-korrużjoni u li **ma jnixxux.**
- ☑ Bejn **l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru**, l-għelieqi jrid ikollhom wiċċ tar-raba' jew kopertura tal-ħamrija. Għalhekk, il-bdiewa b'art mistrieħa jridu:

  - iħallu residwi tal-pjanti, qasbija u/jew forma ta' veġetazzjoni fuq tal-anqas **80%** tal-art biex dawn iservu bħala kopertura fuq l-għalqa,jew

  - iħallu veġetazzjoni spontanja matul dan il-perjodu fuq mill-inqas **80%** tal-għalqa.

☑ Bejn **l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru**, bdiewa li jkollhom uċuħ tar-raba' permanenti (eżempju siġar tal-frott) iridu:

- iħallu r-residwu tal-pjanti tal-uċuħ tar-raba' temporanji fuq tal-inqas **50%** tal-uċuħ tar-raba' permanenti ta' kull azjenda biex iservu ta' kopertura jew

- iħallu veġetazzjoni spontanja matul dan il-perjodu fuq mill-inqas **50%** tal-uċuħ tar-raba' permanenti ta' kull azjenda biex iservu bħala kopertura. Il-ħaxix selvaġġ matul dan il-perjodu, jista' jiġi kkontrollat ***biss*** b'*mower jew grass cutter*. Il-ħaxix ħażin imneħħi matul dan il-perjodu għandu jinżamm bħala *mulch*.

☑ Bejn **l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru**, bdiewa li m'għandhomx uċuħ tar-raba' li jkunu qed jiġu kkultivati, jew li għandhom uċuħ tar-raba' permanenti m'għandhomx jaħdmu jew jiddisturbaw l-art.

☑ Bdiewa **b'iktar minn 10 ettari/aktar minn 89-il tomna** ta' art agrikola għandhom jiżguraw li jinżammu l-karatteritiċi tal-pajsaġġ.

☒ *M'għandu jintuża ebda makkinarju agrikolu* ***meta l-ħamrija tkun mifqugħha bl-ilma/ mistagħdra***.

☒ *Tgħaffiġ bla bżonn* ***b'makkinarju goff***, *għandu dejjem jiġi evitat.*

☒ *Żbir ta' arbuxelli u siġar hu projbit bejn* ***l-1 ta' Frar u 30 ta' Settembru***, sakemm is-siġra ma tkunx siġra tal-frott fi ġnien ta' siġar tal-frott, jew jekk tkun tifforma parti minn ċinturin ta' kenn (mir-riħ u/jew mill-melħ) f'ġnien ta' siġar tal-frott, jew vinja dwieli.

☒ *Il-qasbija u l-fdal tal-ħaxix m'għandhomx jinħarqu fuq il-ħamrija f'kobor ta'* ***aktar minn 10m²***, *ħlief b'ordni* ***tad-Direttorjat għall-Ħarsien tal-Pjanti***.

☒ *M'għandux jitħalla ħaxix ħażin, jew forom oħra ta' veġetazzjoni li jistgħu* ***jwasslu għall-abbandun*** *ta' parti minn jew l-għalqa kollha.*

☒ *M'għandiex tinsab evidenza ta' ħsara ikkawżata minn attivitajiet agrikoli fuq żoni meqjusin bħala* ***artijiet mistagħdra***.

## DETTALJI DWAR IR-REKWIŻITI STATUTORJI TA' ĠESTJONI (RSĠ)

| | |
|---|---|
| ***RSĠ 1*** | Protezzjoni tal-ilma kontra emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi għall-ilma. |
| ***RSĠ 2*** | Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli. |
| ***RSĠ 3*** | Konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. |
| ***RSĠ 4*** | Konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. |
| ***RSĠ 5*** | Sigurtà tal -Ikel |
| ***RSĠ 6*** | Projbizzjoni ta' użu ta' ormoni. |
| ***RSĠ 7 u 8*** | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. |
| ***RSĠ 9*** | Benesseri tal-għoġġiela. |
| ***RSĠ 10*** | Benesseri tal-majjali. |
| ***RSĠ 11*** | Protezzjoni tal-annimali. |

# Dettalji dwar l-obbligi tad-Direttivi (RSĠ)

## RSĠ 1 - Protezzjoni tal-ilma kontra emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi għall-ilma

Dan l-RSĠ jikkonċerna il-protezzjoni tal-ilma tal-pjan :

☑ Il-boreholes u/jew spejjer għandhom ikollhom **ħerża elevata** (mhux inqas minn pied il-fuq minn wiċċ l-art), u jkunu **mgħottija** jew **maqfula f'kamra**.

☑ Sorsi tal-ilma li ser jiġu użati għat-tisqija, li jinkludi sorsi naturali u/jew vetturi li jġorru l-ilma għandhom **ikunu reġistrati** mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

☒ M'għandiex tinsab evidenza ta' **rimi dirett u/jew indirett** ta' sustanzi imniżlin fl-iskeda numru VIII tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000.

## RSĠ 2 - Protezzjoni tal-ilma kontra t- tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli.

Dan l-RSĠ jikkonċerna il-protezzjoni tal-ilma tal-pjan :

☑ L-użu tal-fertilizzant jista' jsir bejn **is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottubru** u bbażati fuq Pjan ta' Fertilizazzjoni *(Fertiliser Plan)*.

☑ L-użu ta' fertilizzanti jrid isir skont **il-Pjan ta' Fertilizazzjoni** (*Fertiliser Plan*).

☑ Il-fertilizzanti minerali għandhom **jinħaznu 'l bogħod** mill-ikel bħal: ħaxix, ġwież, għalf u ħalib.

☑ Il-fertilizzanti għandhom jinħażnu fil-**konteníturi** (pakketti, boroż, xkejjer) u **bit-tikketta oriġinali tagħhom**.

☒ ***Demel likwidu (slurry)*** *m'għandu* ***qatt*** *jiġi applikat fuq ir-raba'.*

☒ *Il-fertilizzanti (naturali u artifiċjali) ma jistgħux jiġu applikati:*

- *direttament f'nixxiegħa tal-ilma,*

- *f'distanza ta' anqas minn 5 metri 'l bogħod minn passaġġ tal-ilma,*
- *f'distanza ta' anqas minn 5 metri 'l bogħod minn nixxiegħa tal-ilma, spiera, bir, borehole jew riserva naturali,*
- *f'distanza ta' anqas minn 30 metru 'l bogħod minn borehole użata għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb,*
- *f'distanza ta' anqas minn 100 metru 'l bogħod mill-kosta.*

## RSĠ 3 – KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

L-għan ta' dan l-RSĠ huwa li jissalvagwardja l-għasafar selvaġġi, speċjalment dawk li huma protetti bil-liġi. Dawn li ġejjin huma uħud mill-obbligi ta' dan l-RSĠ:

- ☒ *M'għandux isir **insib** jew **kaċċa** fuq **tajr protett bil-liġi**.*
- ☒ *Imnasab li jinsabu **fuq ix-xagħri jew żoni oħra protetti** huma projbiti.*
- ☒ *Ma jistgħux jintużaw **metodi illegali** ta' insib u kaċċa.*
- ☒ *Ma jistax isir insib u kaċċa meta **l-istaġun ikun magħluq**.*
- ☒ *Huwa pprojbit li **jinżammu għasafar protetti** mingħajr permess u/jew liċenzja.*
- ☒ *M'għandhom qatt jiġu ddisturbati **għasafar bil-bejta**. Għandom jiġu evitati attivitajiet u prattiċi li jistgħu jkunu ta' xkiel għall-għasafar li jkunu qed ibejtu.*
- ☒ *M'għandha ssir **ebda ħsara jew tneħħija ta' bejtiet u bajd** ta' għasafar protetti.*

Il-lista ta' tajr protett tinsab **fl-Avviż Legali 79 tal-2006** - Regolamenti tal-2006 dwar **il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.**

## RSĠ 4 – KONSERVAZZJONI TAL-ABITAT NATURALI, U TAL-FAWNA U L-FLORA SELVAĠĠI

Dan l-RSĠ partikolari jikkonċerna il-ħarsien tal-ambjent naturali kif ukoll il-protezzjoni ta' flora selvaġġa:

Dan l-RSĠ jikkonċerna l-ħarsien tal-ambjent naturali kif ukoll il-protezzjoni ta' flora selvaġġa.

☑ Il-ħitan tas-sejjieħ għaż-żamma tal-ħamrija għandhom ikunu **miżmuma f'kundizzjoni tajba**.

☒ *M'għandux jintrema jew jitħalla* ***skart*** *fl-għelieqi.*

☒ *M'għandiex issir ħsara* ***lill-abitat naturali****.*

☒ *It-tkattir ta'* ***siġar invażivi*** *u li* ***jagħmlu ħsara lill-ambjent*** *(bħall-Ewkaliptus u l-Akaċja), huwa projbit.*

☒ *M'għandhiex issir ħsara* ***lis-siġar protetti*** *bil-liġi (bħall-Ħarrub u Prinjol).*

Il-lista ta' siġar protetti u invażivi tinsab fil- **Leġislazzjoni Sussidjarja** numru **549.123**

## RSĠ 5 – SIGURTÀ TAL-IKEL

Dan l-RSĠ jikkonċerna is-sigurtà tal-ikel:

☑ Il-postijiet tal-ħażna u l-kontenituri għandhom **jinżammu nodfa** u **xotti**.

☑ Għandhom jinżammu rekords aġġornati dwar **ix-xiri ta' ġwież u tal-magħlef**.

☑ Għandhom jinżammu rekords dwar **il-kwantità, ditta tal-ġwież** kif ukoll **data tal-iskadenza** tal-għalf mixtri.

☑ Il-ġwież kollu, kemm dak medikat u dak mhux medikat, għandu **jinħażen b'mod separat**.

☑ L-addittivi tal-għalf u/jew il-mediċini veterinarji għandhom jiġu **awtorizzati jew preskritti minn veterinarju**.

☑ Għandha **tinżamm l-iġene** madwar ir-razzett kollu.

☑ *M'għandu jkun hemm ebda rekord jew evidenza li r-ruminanti qed jingħataw* ***għalf ta' proteini ġejja mill-annimali****.*

## RSĠ 6 – Projbizzjoni ta’ Użu ta’ Ormoni

Dan ir-RSĠ jikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu ta’ ormoni u għaldaqstant, għandhom jiġu mħarsa dawn is-sett ta’ regoli:

- ☑ Sustanzi li għandhom azzjoni ormonali jew tirostatika u ta' *beta-agonists*, li jinħażnu fir-razzett għandhom ikollhom **preskrizzjoni minn veterinarju li ma tiġġeddidx**.
- ☑ Sustanzi li fihom oestardiol, *testosterone* u *progesterone* mogħtija lill-annimali tar-razzett għandhom **jiġu dokumentati**.
- ☑ Jekk jingħata trattament ormonali għandu jkun hemm rekords li juru d-dettalji li ġejjin f’reġistru:

(**a**) tip ta’ trattament

(**b**) it-tip ta’ prodotti awtorizzati

(**ċ**) id-data tat-trattament

(**d**) l-identità tal-annimali ttrattati

(**e**) il-kundizzjoni dijanjostikata.

- ☑ Ir-reġistru tal-użu ta' mediċini għandu jkun preżenti fir-razzett u għandu **jinżamm tagħrif aġġornat dwar l-użu ta' mediċina**.

## RSĠ 7 u 8 – Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti

Dawn ir-RSĠ jikkonċernaw fost l-oħrajn il-ħażna, l-użu u rimi ta’ Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti:

- ☑ Meta wieħed jixtri, jittrasporta, jaħzen u juża pestiċidi/bexx għandu jkollu **liċenzja valida tal-użu tal-bexx**.
- ☑ Il-pestiċidi jridu jkunu **awtorizzati mill-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)**
- ☑ Il-pestiċidi awtorizzati għandhom **jintużaw biss** fuq il-frott u l-ħxejjex indikati fuq it-tikketta.
- ☑ Għandu **jintuża ilbies protettiv** (maskla, ingwanti u inċirata) u tagħmir adegwat (mutur jew pompa biex jiġi applikat il-bexx, miżien u tazzi tal-kejl biex tiġi applikata d-doża t-tajba).
- ☑ Għandhom jinżammu rekords aġġornati dwar **ix-xiri** u **użu tal-pestiċidi**.
- ☑ Il-pestiċidi għandhom jinżammu **f'*locker* tal-ħadid jew tal-plastik**. Importanti li l-*locker* u/jew il-post fejn jinżamm il-bexx ikunu **b’aċċess limitat**.

☑ Il-konteνituri vojta tal-bexx għandhom **jinġabru f'barmil apposta** u wara jintremew f'Ċentri tal-Immaniġġjar tal-Iskart tal-*WasteServ*.

## SMR 9 – Benesseri tal-Għoġġiela

Dan ir-RSĠ jikkonċerna il-benesseri tal-għoġġiela:

☑ L-għoġġiela għandhom ikollhom il-possibbiltà ta' **kuntatt fiżiku** u **viżwali** ma' xulxin.

☑ L-akkomodazzjoni tal-għoġġiela għandha tkun mibnija b'mod li tippermetti lil kull għoġol jimtedd, jistrieħ, iqum u jnaddaf lilu nnifsu mingħajr problemi.

☑ L-għoġġiela għandhom jingħataw dieta li tinkludi l-'*calf starter*'.

☑ Il-fond, maqjel, tagħmir u għodda użati għall-għoġġiela iridu **jitnaddfu tajjeb** u **jkunu diżinfettati** biex jiġi evitat tixrid ta' mard.

☑ L-art trid tkun **lixxa** iżda **ma tiżloqx**.

☑ L-għoġġiela kollha akbar minn ġimgħatejn irid ikollhom **aċċess** għal kwantità suffiċjenti ta' **ilma nadif u frisk**.

☒ *L-għoġġiela m'għandhomx jinżammu marbuta għal **aktar minn siegħa**.*

☒ *Għoġġiela li għandhom **aktar minn 8 ġimgħat** m'għandhomx jinżammu magħluqa f'maqjel maqtugħ għalihom waħedhom, sakemm mhux b'ċertifikat preskritt minn veterinarju.*

## RSĠ 10 – Protezzjoni tal-Ħnieżer

Dan ir-RSĠ jikkonċerna il-benesseri tal-ħnieżer:

☒ *Il-ħnieżer **m'għandhomx jinżammu marbutin**.*

☒ ***Ħsejjes kostanti** jew **li jaħsdu** għandhom **ikunu evitati** fil-partijiet tal-bini fejn jinżammu l-majjali.*

☒ *Il-qtugħ tad-denb u t-tnaqqis tan-nejbiet ma jridux jitwettqu b'rutina iżda **biss meta jkun hemm evidenza ta' ħsara lill-bżieżel** ta' xi majjala jew tal-widnejn jew id-denb ta' majjali oħra.*

☒ *L-ebda qażquż **m'għandu jinfatam mill-majjala qabel ma jkollu 28 jum**, sakemm il-benesseri jew is-saħħa tal-majjala jew tal-qażquż ma jintlaqtux ħażin. Madankollu, il-qżieqeż **jistgħu jinfatmu sa sebat'ijiem qabel** jekk dawn jitpoġġew f'fondi speċjalizzati li jkunu **mbattla, mnaddfa u diżinfettati** sew.*

## RSĠ 11 – Benesserital-Annimali

Dan ir-RSĠ jikkonċerna l-benesseri tal-annimali:

- ☑ Il-ħwat u l-imxatar għandhom ikunu **mgħottija, iddiżinjati, mibnija u mpoġġija** kif suppost biex tkun **evitata** kwalunkwe tip ta' **kontaminazzjoni**.
- ☑ It-tagħmir awtomatiku jew mekkaniku essenzjali għall-ħarsien tal-annimal għandu jiġi **spezzjonat tal-anqas darba kuljum**.
- ☑ It-tagħmir elettroniku għandu jkun installat b'mod li **jevita xokkijiet**.
- ☑ L-annimali għandhom jingħataw **dieta bilanċjata**.
- ☑ L-annimali għandhom ikollhom aċċess **għal provvista xierqa ta' ilma nadif u frisk**.
- ☑ L-annimali għandhom jkollhom **aċċess għall-għalf f'intervalli** skont il-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom.
- ☑ Għandu jkun hemm **qlib adegwat** biex l-art ma żżommx ilmijiet u l-friex jinżamm xott u nadif, filwaqt li l-art tkun **lixxa** iżda **ma tiżloqx**.
- ☑ Annimali morda jew midruba għandhom **jiġu iżolati** f'akkomodazzjonijiet apposta.
- ☑ Għandu **jinżamm tagħrif ta' kull trattament mediku** u dan għandu jinkludi anke in-numru ta' **mwiet**.

- ☒ ***Il-moviment ħieles*** *tal-annimal* ***m'għandux jiġi ristrett*** *b'mod li jikkawża tbatija jew ħsara.*
- ☒ *L-annimali m'għandhomx* ***jinżammu fi dlam permanenti****, iżda fl-istess ħin għandu jkollhom perjodu ta'* ***mistrieħ mid-dawl artifiċjali****.*
- ☒ *L-annimali* ***m'għandhomx jingħataw sustanzi*** *ħlief dawk li jingħataw għal għanijiet terapewtiċi jew profilattiċi, jew għal skopijiet ta' trattament żootekniku.*

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea